SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 33/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/07/'10 262**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/07/'10 316**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsilliera Irene Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Lulju 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Reviżjoni tal-Financial Statements
4. Aġġornament - Tender Ġbir ta' Skart Domestiku
5. Tenders
   - Tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi
   - Tender għall-Ġbir ta' Skart Goff
   - Tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq
6. Kwotazzjonijiet
   - Servizz ta' *Accountant*
   - Għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP)
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 32/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 32/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 01/KA1/10 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Iċ-Chairman ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 01/KA1/10.

1.3.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 sa 6 qabel item 2.

1.3.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 3 Reviżjoni tal-Financial Statements

3.01 Saret riferenza għall-korrispondenza Inc. 3823/10 li l-Kunsill irċieva mingħand l-awdituri, u Inc. 3925/10 u Inc. 3936/10 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 104/2010 (ara Appendiċi 'A') .

3.02 Hawnhekk l-Accountant tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni li awdituri ta' din is-sena, talbu li jsiru ċerti aġġjustamenti fil-financial statements inkluż dawk il-financial statements li diġa ġew approvati mill-awdituri tas-sena ta' qabel. Hu spjega li ħa parir mingħand Ms Tania Mercieca ta' NAO li verbalment tagħtu l-parir li dawn għandhom jiġu aġġustati. Hu kompla li l-aġġustamenti li saru jitrattaw speċifikament dwar 'accounting treatment'.

3.03 L-Accountant għarraf lill-Kunsill li awdituri qed jitolbu wkoll li jsir eżerċizzju tal-grants li l-Kunsill irċiva mis-sena 1994 'l quddiem. Hu spjega li biex isir dan ix-xogħol hemm nefqa minima tas-sigħat involuti.

3.04 Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni.

3.05 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ressaq il-Financial Statement kif emendati għall-approvazzjoni (ara Appendiċi 'B').

3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

3.07 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondatu.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.09 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom.

3.10 Is-Sur Padovani ġie skużat fit-3.25pm.

## 4 Aġġornament

### Tender Ġbir ta' Skart Domestiku

4.01 Saret riferenza għall-korrispondenza Inc. 3729/10, li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tender **Ġbir ta' Skart Domestiku**. Il-Kunsill ġie nnotifikat li l-ordni mogħtija mid-Dipartiment fl-email ta' l-4 ta' Ġunju 2010 qed tiġi irtirata u l-Kunsill jista' jkompli jipproċedi bl-avviż numru CMHW 03/2010 (ara Appendiċi 'C').

4.02 Saret riferenza wkoll għad-diversi korrispondenza li saret bejn il-Kunsill ta' San Ġiljan u l-Kunsill ta' tas-Sliema. Il-Kunsill ġie nfurmat illi dik il-gurnata ltaqgħu l-persuni tekniċi taż-żewġ Kunsilli u qed jitkompla l-proċess ta' l-aġġjudikazzjoni tat-tender.

## 5 Tenders

### Tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-*schedule* (ara Appendiċi 'D') u ġie nfurmat illi l-aktar offerta vantaġġjuza hija dik sottomessa mill-kuntrattur Raymond Attard.

5.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-ammont allokat skont il-budget ma jkoprix l-ammont kollu.

5.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jieħu l-ebda deċiżjoni qabel ma jieħu *ruling* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għalhekk għandha tinbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġi nfurmat illi t-tenders li

ġew sottomessi huma aktar għoljin mill-allokazzjoni tal-budget. Għalhekk il-Kunsill jixtieq ikun jaf x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill u x'ser jagħmel.

5.04 Ġie deċiż unanimament illi sir appuntament, għas-Sindku u l-Viċi-Sindku, mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said biex jiġi nfurmat bis-sitwazzjoni.

**Tender għall-Ġbir ta' Skart Goff**

5.05 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'E') .

5.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li tigħażel l-offerta tal-Cleansing Directorate.

5.07 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq**

5.09 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-*schedule* (ara Appendiċi 'F') u ġie nfurmat illi l-aktar offerta vantaġġjuza hija dik sottomessa mill-kuntrattur Raymond Attard.

5.10 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-ammont allokat skont il-budget ma jkoprix l-ammont tat-tender.

5.11 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jieħu l-ebda deċiżjoni qabel ma jieħu *ruling* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għalhekk għandha tinbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġi nfurmat illi t-tenders li ġew sottomessi huma aktar għoljin mill-allokazzjoni tal-budget. Għalhekk il-Kunsill jixtieq ikun jaf x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill u x'ser jagħmel.

5.12 Ġie deċiż unanimament illi isir appuntament, għas-Sindku u l-Viċi-Sindku, mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said biex jiġi nfurmat bis-sitwazzjoni.

## 6 Kwotazzjonijiet

### Kwotazzjoni għas-Servizz ta' *Accountant*

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'G').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona li tingħażel l-offerta tas-Sur Louis Padovani.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Kwotazzjoni għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan*

6.05 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'H').

6.06 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ippropona li jinħatar bord magħmul mill-Kunsilliera Edgar Montanaro, Richard Scicluna u Ronald Agius biex jistudjaw id-dokumenti u jagħtu r-rakkomandazzjoni tagħhom lill-Kunsill.

6.07 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fit-3.50pm.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

Rif. Nru. Korrispondenza

3428 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Ftehim mal-WSC iffirmat b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

3456 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Bus Shelters.

3744 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari AKL Ċirk 42/2010 – Żieda fil-ħlas mill-Enemalta.

3751 Email mingħand id-Dipartment għall-Gvern Lokali rigward Memo 15/2010 – Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali.

3880 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Kuntratt: Skema dwar Ġbir ta' Skart Separat.

3883 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra riġward il-Ġostra tradizzjonali li ssir fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan.

3900 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-ħlas għat-tariffi ta' Ġbir ta' Skart.

3922 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Proġett tal-*Youth in Action* – Italia.

3924 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 45/2010 – Public Private Partnership fuq Toroq.

3933 Email mingħand il-Green MT rigward it-tindif f'Paceville.

3969 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 102A/2010 – WWW.LC.GOV.MT Lista ta' Pagamenti.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3428

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Ftehim mal-WSC . Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsilliera jingħataw zmien sal-Hamis 12 ta' Awwissu 2010 biex iressqu l-oġġezzjonijiet. Jekk jirrizulta li ma jkunx hemm oġġezzjonijiet dan il-ftehim jiġi ffirmat.

Rif. Nru. 3880

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Kuntratt: Skema dwar Ġbir ta' Skart Separat. Ġie deċiż unanimament li jsir appuntament mal-Green MT sabiex jiġi ffirmat il-ftehim.

Rif. Nru. 3883

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward il-Ġostra tradizzjonali li ssir fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' l-attivita' tal-Ġostra tradizzjonali, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Ġostra u jitħallas l-ammont ta' €233 biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 3924

Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 45/2010 – Public Private Partnership fuq Toroq. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

Rif. Nru. 3969

2.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 102A/2010 – WWW.LC.GOV.MT Lista ta' Pagamenti. Ġie deċiż unanimament li fuq l-iskeda tal-pagamenti s-salarji jitniżżlu globalment bħala pagi u mhux individwalment bl-ismijiet ta' l-impjegati filwaqt li l-onorarja tas-sindku titniżżel bħala onorarja minghajr l-isem tas-sindku.

## 7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2899 sa 2902 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2899 sa 2902.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Materji Oħra**

9.01 Reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li ma jistgħux jagħtu *direct orders*.

9.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Active Enterprises baqgħa ma rregolarizzax is-sitwazzjoni taċ-ċekkijiet post dated anke wara li verbalment ġie nfurmat diversi drabi. Dan qed jirriżulta li mhux ihallas għar-reklami li għandu.

9.03 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Active Enterprises ma jingħatax aktar permessi biex jżid aktar reklami fil-lokalita' u tintbagħatlu ittra uffiċjali biex jissetilja l-kontijiet pendenti fi żmien tlett xhur. Fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ser jinforza l-Bye-Laws għas-spejjeż tiegħu.

9.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Inħareġ it-tender għal Upkeep and Maintenance of Access Road and Access Only and Pedestrian Streets. Dan jagħlaq nhar is-7 ta' Settembru 2010.

- Il-ġimgħa, 30 ta' lulju 2010 jagħlaq it-tender 'Cleaning of lower part of wall and pavement by power washing

fl-area ta' bajja ta' San Ġorġ u l-kwotazzjoni għas-servizz ta' tindif ta' qiegħ il-baħar fl-area ta' Spinola.

- Fis-6 ta' Awwissu tagħlaq il-kwotazzjoni għat-Tindif ta' kuljum tal-promenade wara l-5pm fuq iż-żewġ naħat tal-bankini min-naħa tal-Barracuda Restaurant fi Triq il-Kbira sa ħdejn id-Dicks Bar fi Triq San Ġorġ, kif ukoll it-tindif tat-taraġ ta' Triq Angelo Pullicino u t-taraġ ta' Triq Scicluna fil-Balluta, mill-11 ta' Awwissu sat-30 ta' Settembru 2010.

- Bħas-snin li għaddew fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġiljan il-Kunsill jagħmel bibita għall-baned.

- L-għada tal-festa ta' San Ġiljan il-Kunsill ser ikun miftuħ għall-Customer Care biss bejn id-9.00am u 11.00am.

- Minħabba li fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu tigi ċċelebrata l-festa titolari fil-lokalita', ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir fid-9 ta' Awwissu 2010 fil-2.30pm.

9.05 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill illi fis-16 ta' Lulju 2010 saret 'self funding activity' – BBQ fil-Lukanda Diplomat u attendew 45 persuna.

9.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-4.55pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |